# Inħares lejh u Hu jħares lejja
## Adorazzjoni Ewkaristika fit-Tifkira ta' San Ġwann Marija Vianney
## Awwissu 2023

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Nerfgħu qalbna lejk, o Alla,
li ma tehda qatt taħfrilna:
naddafhielna minn kull tebgħa,
għaliex int ħanin u twajjeb.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Fuq din l-art nitniehdu w nolfqu,
barranin u tturufnati;
int il-port, id-dar, il-paċi,
inti waħdek l-hena tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Għajn tal-ħajja, kbira l-barka
ta' min jiġi w jixrob minnek!
Verità, henjin għajnejhom
dawk li jsibu d-dawl ta' wiċċek!

*Missierna, Sliema, Glorja*

Kun int stess li, b'nar imħabbtek,
tħeġġeġ fina x-xewqa tiegħek;
għinna ntuk minn issa l-glorja
bit-tifkira ta' foħritek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Infaħħruk, Ġesù, Bin Alla
għaxqa w għożża ta' Missierek,
li bl-Ispirtu wriek lid-dinja
bħala d-dija tas-sebħ tiegħu. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Illum il-Knisja tiċċelebra t-tifkira ta' San Ġwann Marija Vianney, saċerdot sempliċi li, permezz tal-umiltà u tal-ħajja ta' ċaħda u faqar li kien jgħix, il-Mulej ġibed ħafna rwieħ lura lejh fi żmien ta' taqlib politiku kbir fi Franza. U, hekk kif ninsabu quddiem Ġesù fl-Ewkaristija, se nħallu lil dan il-qaddis jgħallimna, jaqsam l-esperjenza u l-għerf li mmatura fih frott dak li laqqgħatu miegħu l-ħajja u l-ħidma pastorali, u wkoll nitolbu permezz tat-talb tiegħu. Ejjew nibdew billi nisimgħu din l-ewwel eżortazzjoni tiegħu:

> Meta nkunu quddiem is-Sagrament Imqaddes, flok inħarsu madwarna, ejja nagħlqu għajnejna u nifthu qalbna; u l-Mulej twajjeb jiftaħ tiegħu. Aħna mmorru għandu, u hu jiġi għandna, wieħed biex jistaqsi, l-ieħor biex jilqa': ikun bħal nifs minn wieħed għall-ieħor. Xi ħlewwa nsibu meta ninsew lilna nfusna sabiex infittxu lil Alla!
> Qisu bħall-ewwel jiem meta wasalt Ars. Kien hemm raġel li qatt ma għadda minn ħdejn il-knisja mingħajr ma daħal fiha. Filgħodu huwa u sejjer għax-xogħol, filgħaxija meta jkun ġej lura, kien iħalli l-pala u l-baqqun tiegħu mal-bieb, u kien jibqa' għal ħin twil f'adorazzjoni quddiem is-Sagrament Imqaddes.
> Dil-ħaġa għoġbitni ħafna. Darba staqsejtu x'qal lill-Mulej waqt dawk iż-żjarat twal li kien jagħmillu. Taf x'weġibni? "Sinjur Kurat, ma ngħidlu xejn, ngħidlu u jgħidli Hu. Inħares lejh u Hu jħares lejja."

Ħa nħarsu lejk fis-skiet, Mulej, filwaqt li inti tħares lejna u tfakkarna li tħobbna.

(*adorazzjoni fis-skiet*)

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Konrintin** (9, 16-19)
Ħuti, jekk jiena nxandar l-Evanġelju ma għandix biex niftaħar; jien obbligat nagħmlu dan. Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju. Jekk dan nagħmlu minn rajja, ikolli dritt għall-ħlas; imma jekk nagħmlu għax obbligat, dan ifisser li qiegħed nagħmel ix-xogħol li Alla fdali f'idejja. X'inhu mela l-ħlas tiegħi? Li meta nxandar l-Evanġelju, inxandru b'xejn, bla ma nfittex id-dritt li jagħtini l-Evanġelju stess. Għax għad li ma jiena marbut ma' ħadd, jien għamilt lili nnifsi lsir ta' kulħadd biex nirbaħ lil ħafna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**R/.** *Irroddu ħajr lil Alla*

Mulej, hekk kif inpoġġu l-Kurat t'Ars bħala mudell għalina għall-imħabba tagħna lejk, b'mod speċjali fl-Ewkaristija, u għall-imħabba lejn ħutna l-bnedmin, dan il-kliem ta' San Pawl narawh jieħu l-"laħam"—biex ngħidu hekk—fil-figura mgħaddma u mxejba ta' dan il-qassis twajjeb: tassew għamel lilu nnifsu qaddej ta' kulħadd biex jirbaħ lil ħafna. Anzi, meta hu stess iddeskriva s-sejħa tiegħu meta kellu tmintax-il sena, San Ġwann Marija Vianney bla tlaqliq stqarr li l-vokazzjoni tiegħu kienet li "jirbaħ l-erwieħ għal Alla."
Bħalek, Mulej, u wkoll bħal Ġwanni l-Battista, dan il-qaddis fehem li l-unika triq biex dan seta' jseħħ kien li hu stess joffri ħajtu b'sagrifiċċju f'ħajja ta' talb, ċaħda u dedikazzjoni sħiħa għal dawk li kienu jfittxuh sabiex, permezz tal-kliem ta' faraġ u l-assoluzzjoni sagramentali, jerġgħu jitħabbu mill-ġdid miegħek.

Mulej, lilna wkoll nitolbuk timliena bl-istess xewqa qaddisa ta’ dan is-saċerdot: “Dan hu d-dmir u l-uffiċċju ħelu tal-bniedem: li jitlob u jħobb,” kif jispjega f’waħda mill-katekiżijiet tiegħu. Kultant aħna għandna ħabta narawhom kontra xulxin it-talb u l-qadi bl-imħabba, jew li waħda tieħu l-ħin tal-oħra, jew nippreferu waħda fuq l-oħra għax inħossuna iktar komdi—jew komdi naħarbu mill-qadi tal-proxxmu, jew komdi naħarbu s-skiet tat-talb. U naħarbu, sew lejn naħa u sew lejn oħra, għax m’aħniex lesti niġu kkonfrontati bir-realtà tagħna nfusna meta l-proxxmu ma jehdiex jagħfas fuq il-ġrieħi tagħna u, mill-banda l-oħra, meta inti ma tiqafx tikxifhom dawn il-feriti sabiex ma jiddennewx imma jfiequ u jsiru għajn ta’ ħajja u mħabba.
Mulej, nitolbuk, imla lil qalbna b’din l-istess ħeġġa doppja u waħda fl-istess ħin—għalik u għall-proxxmu. Imma, f’dan il-ħin, bil-ħarsa fuqek, se nitolbuk bil-kliem kollu ħlewwa għalik ta’ San Ġwann Marija Vianney sabiex, meta noħorġu minn hawn, l-imħabba tiegħek tant tkun imliet lil qalbna, li ma tkunx tista’ ma tfurx fuq l-oħrajn:

> Inħobbok, o Alla tiegħi, u l-unika xewqa tiegħi hi li nħobbok sal-aħħar nifs ta’ ħajti.
> Inħobbok, Alla infinitament maħbub, u nippreferi mmut inħobbok milli ngħix waqt wieħed mingħajr ma nħobbok.
> Inħobbok, o Alla tiegħi, u ma nixtieqx is-sema għajr biex ikolli l-hena li nħobbok perfettament.
> Inħobbok, o Alla tiegħi, u nibża’ mill-infern biss għax qatt ma jkolli l-faraġ ħelu li nħobbok.
> O Alla tiegħi, jekk ilsieni ma jistax jgħid f’kull ħin li nħobbok, tal-inqas irrid li qalbi ttennilek dan ma’ kull darba li nieħu n-nifs.
> Ah! Agħtini l-grazzja li nbati waqt li nħobbok, li nħobbok waqt li nbati, u mmut inħobbok u nħoss li nħobbok.
> U iktar ma noqrob lejn it-tmiem tiegħi, iktar nitolbok bil-ħrara biex tkattar l-imħabba tiegħi u tipperfezzjonaha. Ammen.

## Innu Ewkaristiku

> Jekk nagħrfu kemm u liema ġid hemm maqful fit-tqarbin imqaddes, xejn iktar ma jirnexxilu jikkuntenta lill-qalb tagħna. Ir-rgħib ma jfittix iktar it-teżori tiegħu, lanqas l-ambizzjuż il-glorja; kulħadd jerħi din id-dinja waqt li jitħarrek sabiex jitfarfar minn fuqu t-trab u jintrefa’ lejn is-sema. Min jitqarben jintilef f’Alla bħal qatra ilma f’oċean.

Filwaqt li nintilfu fik u nsibu l-mistrieħ ta’ qalbna mħeddla bil-ġiri tagħha ’l hinn u ’l hawn, filwaqt li nixtiequ nerħu d-dinja biex nintrefgħu lejn is-sema, Int, l-oċean li fih il-qatra li hi aħna tintilef, Inti terġa’ tferragħna fuq l-istess dinja sabiex, ukoll jekk biss qtar ċkejkna, bina inti tagħti l-ħajja lill-art bil-għatx u tisqi lil min

hu bil-għatx għalik, anke jekk ma jafx. Għaldaqstant, Mulej, se rressqulek it-talb tagħna għall-Knisja u għad-dinja hekk kif ninsabu mitlufin fik u inti fina.

- Mulej Ġesù, kebbes fil-Knisja l-istess xewqa għas-salvazzjoni tal-bnedmin li biha kienet imkebbsa qalb il-Kurat ta' Ars, hekk ħerqan biex jirbaħ l-erwieħ għalik. Nitolbu.
- Seddaq is-saċerdoti li tagħhom dan il-qaddis hu protettur u mudell sabiex huma wkoll ikollhom l-istess imħabba lejk f'dan is-Sagrament tal-għaġeb u lejn il-proxxmu b'mod partikolari fid-dedikazzjoni tagħhom li jħabbu l-bnedmin mill-ġdid miegħek permezz tas-Sagrament tal-Qrar. Nitolbu.
- Nitolbuk għal dawk kollha li qegħdin ibatu, sew minħabba mard u sew minħabba inġustizzja, solitudni, u ġrieħi f'ruħhom, sabiex iħalluk tkun il-faraġ tagħhom filwaqt li jgħaqqdu t-tbatijiet tagħhom ma' tiegħek għas-salvazzjoni tal-erwieħ. Nitolbu.
- Ħa jiddi d-dawl tiegħek fuq dawk li qalbhom hi wisq iebsa biex jinħallu mill-passat minħabba r-rabja u l-imrar, jew huma miżmuma fil-jasar tad-dnub u l-vizzju. Nitolbu.
- Bierek il-ħidma ta' dawk kollha li jħabirku sabiex jassistu lil ħuthom fil-bżonn, u agħtihom il-grazzja li dak li jmexxihom ma jkunx biss is-sodisfazzjon personali imma, l-ewwel u qabel kollox, tkun il-glorja tiegħek u l-għarfien tax-xbieha tiegħek minquxa f'kull bniedem. Nitolbu.
- Ilqa' fil-hena tiegħek bla tmiem lill-erwieħ tas-saċerdoti u ta' dawk kollha li ddedikaw ħajjithom għas-salvazzjoni tal-bnedmin, sew f'ħajja attiva u sew f'ħajja kontemplattiva u ddedikata għat-talb. Nitolbu.

O Alla ta' setgħa u ħniena bla tarf, int għażilt lis-saċerdot San Ġwann Marija Vianney u żejjintu b'ħeġġa tal-għaġeb fil-ħidma tiegħu bħala kappillan ta' parroċċa; agħmel li, bl-eżempju u t-talb tiegħu, nirbħu bl-imħabba aħwa oħra għalik, u li magħhom niksbu l-glorja ta' dejjem miegħek, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**Barka Sagramentali**